# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 3 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 1313/00**

**Numru 3**

**I.V. Portelli & Sons Limited**

**vs**

**Carmel Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u disgha u sittin lira Maltin (Lm269) rapprezentanti l-prezz ta' xoghol ta' tiswijiet mill-konvenut ordnat kif jirrizulta mill-"invoice" annessa mal-avviz markata Dok "A", bl-ispejjez tal-avviz u bl-imghax legali mit-3 ta' Marzu, 2000 sad-data tal-pagament effetiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness mal-istess avviz u markat Dok "A" (fol 2 tal-atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi: a) kif risultanti mill-verbal tas-seduti tat-28 ta' Ottubru 2001 u tallum stess, il-konvenut gie notifikat bl-avviz in esami izda qatt ma deher quddiem il-Qorti jew ippresenta nota tal-eccezzjonijiet bil-miktub sabiex jikkontesta t-talba attrici;

b) illum stess, xehed Mario Portelli, direttur tas-socjeta' attrici u kkonferma li l-ammont pretiz fl-avviz ghadu, sallum, dovut mill-konvenut lill-istess socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm269.00,0 bl-imghax legali mit-22 ta' Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg